



# EMERĠENZA
## TURKIJA & SIRJA

Meta seħħ it-terremot fit-Turkija u s-Sirja,  l-Parroċċi Maltin, flimkien ma' entitajiet oħra, weġibna għas-sejħa għall-għajnuna.

Forsi ninsew li eluf ta' nies għadhom hemm u qed jippruvaw jibnu ħajjithom mill-ġdid.

SOS Malta, organizzazzjoni Maltija li bniet isem għaliha f'sitwazzjonijiet umanitarji u t'emerġenza bħal dawn, kienet minn tal-ewwel li marret fuq il-post.

**Ir-rappreżentanti ta' SOS Malta llum waslu biex ingħataw roqgħa art fejn bnew villaġġ ta' tined għal 70 familja u tinda kbira f'nofs l-istess villaġġ biex tintuża bħala skola.**

**Wara taħdidiet bejn Vigarjat Djakonija, Malta Catholic Youth Network (MCYN) u SOS Malta, qed nipproponu li nidħlu f'kollaborazzjoni biex:**

- **Insostnu lil dawn ħutna fil-bżonn billi bħala parroċċi/djoċesi ngħinu biex jinxtraw coolers ħalli s-sħana tas-sajf ma twaqqafx il-ħidma fil-villaġġ.**
- **Matul is-sajf, fil-villaġġ Malti noffru esperjenza ta' ġimagħtejn, li tinkludi taħriġ u sostenn lil rappreżentanti mill-parroċċi Maltin.**
- **Naħdmu flimkien sabiex dawn il-voluntiera Maltin jaqsmu l-esperjenzi tagħhom biex b'hekk aktar nies jagħrfu jwieġbu għas-sejħa tal-volontarjat fil-komunitajiet parrokkjali u lokali tagħna.**



## IL-VILLAĠĠ MALTI MMEXXI MINN SOS MALTA

- Villaġġ ta' 70 tinda għal 70 familja, u tinda oħra li tintuża bħala skola għat-tfal, mibnija u mmexxija minn SOS Malta.
- Parti mill-villaġġ ta' Reyhanli, fir-reġjun tat-Turkija msejjaħ Hatay, 65 kilometru biss 'il bogħod minn Aleppo fis-Sirja.




## IL-BŻONN URĠENTI

Bħal f'pajjiżna, is-sajf f'dan ir-reġjun huwa kiefer, forsi iktar minn tagħna. Żgur li kif nafu, it-tined isiru fran fix-xemx. Is-soluzzjoni possibbli hi li kull tinda jkollha cooler u fuq it-tinda eżistenti tintrama fly-sheet (qisu l-materjal l-aħdar li nużaw Malta biex ikollna d-dell). Dawn jinxtraw minn post viċin u jiġu installati min-nies tal-post taħt it-tmexxija tar-rappreżentanti ta' SOS Malta.

Il-pakkett sħiħ li jinkludi cooler, flysheet u l-istruttura jiswa 300 ewro.

## IL-PROPOSTA

Qed nistiednu lill-parroċċi Maltin jieħdu impenn li jiffinanzjaw cooler u struttura tad-dell għal tinda jew aktar.

Aħna nipprovdu materjal li bih ninfurmaw il-komunità, nilqgħu mistoqsijiet biex in-nies ikunu infurmati aħjar u jkun hemm sit elettroniku fejn l-iżvilupp fil-villaġġ ikun jista' jiġi segwit permezz ta' ritratti u kitbiet.

Nistiednu nies ta' 'l fuq minn 18-il sena li jixtiequ jkunu jafu aktar dwar l-opportunità ta' ġimagħtejn volontarjat fil-villaġġ matul is-sajf biex ikellmuna.

Naħdmu mal-parroċċi Maltin biex membri tal-komunitajiet tagħna li jagħmlu esperjenzi barra minn Malta, fosthom din, isibu għalqa għammiela fil-parroċċi tagħna.

Dan permezz ta' opportunitajiet ta' formazzjoni u azzjoni li niżviluppaw flimkien miegħek bħala kappillan skont il-bżonn fil-komunità tiegħek.



## JEKK INTERESSAT:

Ibgħat SMS/whatsapp fuq **+356 79822886** u nċemplulek aħna, jew imla din il-formola: djakonija.org/volturk

**Iktar informazzjoni u riżorsi fuq:**
djakonija.org/turkijasirja
mcyn.org/turkijasirja

PARROĊĊI MALTA — SOS MALTA SOLIDARITY OVERSEAS SERVICE — mcyn — DJAKONIJA